# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 15**

**Citazzjoni numru 200/04 LSO**

**Malta International Airport p.l.c. (C12663)**

**v.**

**Deborah Bonello**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjetà attrici fit-18 ta' Marzu, 2004, li permezz taghha nghad:

> "Premess illi b'decizjoni preliminarja tieghu moghtija fl-1 ta' Dicembru 2003, (numru 1453) u decizjoni finali moghtija fit-12 ta' Jannar 2004 (numru 1468), fl-ismijiet "Deborah Bonello -v- Malta International Airport p.l.c., it-Tribunal Industrijali ddecieda illi t-tkeccija tal-konvenuta mill-impieg taghha mas-socjetà attrici ma kienitx ghar-raguni gusta u ordna lis-socjeta' attrici illi terga' timpjega lill-konvenuta bl-istess paga u kundizzjonijiet;

> "Premess illi l-imsemmija decizjonijiet, kemm dik preliminarja u dik finali huma "ultra vires", nulli u bla effett, peress illi l-imsemmi Tribunal fis-smigh u deliberazzjoni tal-kaz ezercita gurisdizzjoni li ma kellux; naqas illi jezercita guridizzjoni li kellu; naqas illi josserva l-principji tal-gustizzja naturali, inkluz dak tal-"audi alteram partem", naqas li jsegwi l-formalitajiet procedurali rikjesti mil-ligi; sawwar id-decizjonijiet tieghu fuq konsiderazzjonjiet irrelevanti, u dan kollu kuntrarjament ghal-ligi u dak li huwa kontemplat fl-Artikolu 496A (b) tal-Kapitlu 12 u l-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "Premess illi l-imsemmija decizjonijiet jwasslu ghal decizjoni li tmur kontra d-dispozizzjoniet ta' strument li ghandu l-forza ta' ligi li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg, cioe' f'dan il-kaz il-Ftehim Kollettiv vigenti u dan bi ksur tal-Art 32 (4) tal- Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull provediment opportun u xieraq:-
>
> "1. Tiddikjara illi l-imsemmija decizjonjiet tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmija u cioe` dawk moghtija fl-1 ta' Dicembru 2003 u 12 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet "Deborah Bonello -v- Malta International Airport p.l.c. bhala "ultra vires", invalidi u bla effett, u dan ghar-ragunijiet premessi;
>
> "2. Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Deborah Bonello pprezentata fit-30 ta' Novembru, 2004, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

> "1. Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta fl-iqsar zmien possibbli stante li hija manifestament infondata kemm proceduralment kemm fis-sustanza.
>
> "2. Illi l-kumpanija attrici tibbaza l-azzjoni fuq l-artiklu 469A li ma japplikax ghal decizjonijiet ta' tribunali li ghandhom funzjoni gudizzjarja b'gurisdizzjoni moghtija b'ligi specjali.
>
> "3. Illi t-tribunal applika sewwa hafna l-ligi fil-mertu.
>
> "Salvi eccezzjonijiet ohra".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, laqghet it-talbiet tas-socjetà attrici, fis-sens li ddikjarat li l-imsemmija decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Dicembru, 2003 u tat-12 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet **Deborah Bonello v. Malta International Airport p.l.c.** bhala *ultra vires* u ghaldaqstant invalidi u bla effett. Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hija kawza fejn is-socjeta' attrici (MIA) qed titlob li jsir stharrig gudizzjarju tad-decizjonjiet tat-Tribunal Industrijali moghtija fl-1 ta' Dicembru 2003[1] u fit-12 ta' Jannar 2004[2] fl-ismijiet "Deborah Bonello -v- Malta International Airport p.l.c." skont kif kontemplat fl-Artikolu 496A(1) (b) tal-Kapitlu 12 u l-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' attrici ssostni li dawn id-decizjonijiet kienu "ultra vires", invalidi u bla effett. L-MIA sostniet li fid-decizjoni preliminari, it-Tribunal qal li ma kellux il-poter li jikkunsidra l-fatt li l-intimata ammettiet ghall-akkuzi fil-proceduri kriminali. Inotre fid-decizjoni finali ma hax in konsiderazzjoni persuna li uriet li hija suxxettibbli ghall-azzjonijiet kriminali ma kellhiex tiddahhal fl-ajruport li jirrikjedi sistema ta' sikurezza strettissima. Dawn id-decizjonijiet, skont is-socjeta' attrici, jinjoraw u sahansitra jiksru l-Ligi, senjatament l-artikolu 12(3)(h) tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta,[3] kif ukoll l-artikolu 32(4) tal- Kap.266 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu injoraw l-istipulazzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv vigenti li ghandu l-forza ta' Ligi.
>
> "Il-konvenuta sssotni li l-artikolu 469A ma japplikax ghad-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali u japplika ghal-decizjonijiet amministrattivi. Hi tghid ukoll li t-Tribunal Industrijali mexa korrettament skont il-Ligi u bl-osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali ghaliex interpretat korrettament il-Ligi meta rriteniet li ordni ta' probation mhix

[1] Decizjoni Numru 1453
[2] Decizjoni Numru 1468
[3] L-Att Dwar il-Probation tal-Hatjin li gie sostitwit bil-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

dikjarazzjoni ta' htija. Dan ghamlitu anke billi abbraccjat l-interpretazzjoni awtorevoli moghtija mill-Qrati ta' Malta. Inoltre r-rimedji moghti ma jistax jigi disturbat.

"Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-konvenuta kienet tahdem mas-socjeta' attrici fil-grad ta' hostess. Fil-24 ta' April 2002 dehret quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn ammettiet akkuzi migjuba kontriha ta' serq aggravat u giet liberata taht ordni ta' probation ghall-tliet snin. Minhabba dan il-fatt, giet imkeccija mis-socjeta' attrici[4] li nvokat il-Ftehim Kollettiv li jiddisponi li impjegat li jinstab hati ta' akkuzi serji ghandu jitkecca. F'proceduri li istitwiet quddiem it-Tribunal Industrijali ghat-tkeccija ingusta, il-konvenuta ssottomettiet li l-artikolu 12 tal-Probation Act jimpedixxi lit-Tribunal milli jiehu konsiderazzjoni tal-fatti msemmija. It-Tribunal akkolja dan ir-ragunament u ordna r-reintegrazzjoni tal-impjegata fl-impieg taghha.

"Il-provi f'din il-kawza jikkonsistu fl-atti processwali tal-kaz li gie deciz mit-Tribunal Industrijali mertu ta' din il-kawza.[5] (Dok.MS).

"Stharrig Gudizzjarju ta' Decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali - Art 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-intimata tghid li l-artikolu 469A ma japplikax ghad-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali imma ghal *atti amministrattivi*. It-Tribunal Industrijali huwa mwaqqaf b'ligi ad hoc u hija regolata b'l*ex specjalis* tant li skont il-Kap 266,[6] li kien il-Ligi in vigore meta gie deciz il-kaz taghha, id-decizjonijiet tat-Tribunal huma inappellabbli. Tissottometti li t-Tribunal gie konferit b'gurisdizzjoni eskussiva biex tisma' u tiddeciedi kazijiet ta' tkeccija ingusta ta' impjegati, u ghaldaqstant din il-Qorti ma jistax ikollha gurisdizzjoni fuq is-sentenza ta' unfair dismissal moghti minn dak it-Tribunal (Art.28 tal-Kap.266).

"Illi l-artikolu 28 tal-imsemmi Att jghid b'mod car u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal ikollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat), u li r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lil dak it-Tribunal u mhux xorta' ohra.

"L-atturi ssottomettew li d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali huma sindakabbli mill-Qrati. Fil-kaz in ezami ilmentaw li d-decizjoni tat-Tribunal li ma setax jiehu konjizzjoni "*ta' dak li gara fil-proceduri kriminali kontra l-intimata, inkluz l-ammissjoni taghha li kienet hadet sehem f'hold up, bl-armi tan-nar, senjatament ghaliex il-Magistrat f'dawk il proceduri kien hargilha probation order flok piena,*" id-difiza

[4] Fit-30 ta' Lulju 2002
[5] Esebiti animo ritirandi minn Monica Seychell fis-seduta tat-2 ta' April 2005 u atti ohra konnessi mal-kaz.
[6] L-Att Dwar il-Ligi Industrijali

tas-socjeta' attrici thalliet barra mill-process tas-smigh, bi ksur tal-principju tal-*audi alteram partem*.

"Konsiderazzjonijiet ta' Dritt

"F'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jirregola l-gurisdizzjoni tal-Qorti li tistharreg il-validità o meno ta' xi ghemil amministrattiv, jew illi tiddikjara dak l-ghemil null u minghajr effett.

"Skont l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> "(1) *Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*
>
> "*(a) -omissis-;*
>
> "*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*
>
> "*(i)meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
>
> "*(ii) meta l-awtorita pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew*
>
> "*(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
>
> "*(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

"Is-sub-incis (2) jaghti definizzjoni ta' "*ghemil amministrattiv*" li jfisser "*il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita pubblika,......*" filwaqt li awtorità pubblika "*tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi".*

Stharrig Gudizzjarju ta' Decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali.

"Dwar is-sindakabbilta' ta' decizjonijiet ta' Tribunali amministrattivi l-gurisprudenza kostanti u assodata fl-ordinament guridiku taghna taghti lill-qrati ordinarji l-gurisdizzjoni limitata li tissindika d-decizjonijiet ta' Tribunali amministrattivi. Dan il-principju hu necessarju sabiex jigi zgurat ir-*rule of law*.

"Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tannunzja l-principju generali u cioe`:-

> "*Ebda dispozizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità ohra fl-ezercizju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkun qdiet il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra*."

"Dan l-Artikolu tal-ligi kjarament "*jissoggetta lil kull persuna u lil kull Awtorità li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skont u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali*." "Il-Kummissarju tal-Pulizija -v- Edgar Borg."[7] Din il-kawza kienet tikkoncerna decizjoni tat-Tribunal dwar l-Investigazzjonijiet tal-Ingustizzji, li ukoll kienet inappellabbli, izda l-Qorti rriteniet li l-Qrati ordinarji ghandhom il-gurisdizzjoni biex jissindikaw din id-decizjoni, "*u senjatament li din tkun agixxiet 'intra vires' il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-ligi kostituttiva taghha, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni*." (Ara wkoll "V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku" (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985).

"Fin-nota taghha, l-intimata spjegat li l-eccezzjoni taghha hija fis-sens li l-Artikolu 469A mhuwiex applikabbli. Izda mill-premessi tac-citazzjoni, jidher li s-socjetà attrici mhix qed tistrieh semplicement fuq dan l-artikolu imma tghid li d-decizjoni tat-Tribunal tmur kontra l-Ligi "u" dak li hu kontemplat fl-artikolu 469A(b) tal-Kap.12. Difatti dan l-Artikolu ma jsemmix fit-talba.

"Skont dak gja premess, il-Qorti ghandha tqis li t-Tribunal Industrijali hu soggett ghall-istharrig gudizzjarju.

"Hekk gie ritenut fil-kaz "John Holland et noe vs Julian Schembri" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) fejn il-Qorti stabbiliet il-gurisdizzjoni taghha f'dawn il-kliem:-

> "*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali jmur 'ultra vires' u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skont il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg*." (Ara wkoll is-sentenza "Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668).[8]

---

[7] PANC- dec. 22 ta' Ottu bru 2004 (Cit. 1209/2003).

[8] Illi dawn il-principji gew konsistentement segwiti minn dawn il-Qrati anke fid-decizjonijiet "Salon Services Limited vs Elaine Dimech" (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); "Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borg D'Anastasi" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); "Raymond Fenech

“Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzjoni illi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni biex tistharreg gudizzjarjament il-lodo tat-Tribunal Industrijali skont principji generali ta’ dritt.

“Illi dan premess wiehed jasal ghall-aggravju tas-socjetà attrici ghall-istess decizjonijiet u jikkonsisti dan fl-allegazzjoni li t-Tribunal iddecieda li ma kellux il-poter li jikkunsidra ghall-ebda fini jew raguni ta’ prova l-fatt illi l-konvenuta kienet ammettiet u nstabet hatja ta’ akkuzi serji kriminali u l-imgieba relattiva taghha f’dan il-kuntest u dan kontra d-dispozizzjoni tal-Ftehim Kollettiv, u minghajr ma kkunsidrat l-artikolu 12(3)(g) tal-Kap 152 *ai fini* tat-tkeccija u/jew ai fini tal-ordni ta’ reintegrazzjoni fix-xoghol.

“Illi minn ezami tal-atti processwali tal-istess kaz jirrizulta li fl-Istqarrija tal-Kaz tas-socjeta’ intimata, li "*Il-Bord tad-Diretturi, wara li qies in-natura tar-reati in kwistjoni u ha in konsiderazzjoni n-natura tal-azjenda, iddetermina li ma kienx ikun floku li l-appellanti tibqa' fl-impieg taghha*..."[9]. Fl-Istqarrija taghha[10] l-intimata tghid li l-kaz ma kellu x'jaqsam xejn mal-impieg taghha u li bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, probation order tali sentenza ma titqiesx bhala dikjarazzjoni ta’ htija hlief ghall-fini ta’ proceduri kriminali.

“Jirrizulta wkoll li saru trattazzjonijiet mid-difensuri tal-partijiet qabel ma nghataw id-decizjoni preliminari u d-decizjoni finali rispettivament u tressqu bhala provi kopji ta’ sentenzi dwar it-tifsira ta’ ordni ta’ probation li m'ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta’ htija u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar is-serq aggravat.[11]B'hekk ma jistax jinghad li ma giex osservat il-principju tal-gustizzja naturali kemm stante li s-socjeta’ attrici kienet notifikata u ressqet is-sottomissjonijiet taghha debitament, kif ukoll ghaliex f’dawk is-sottomissjonijiet, irriferiet ghar-ragunijiet li fuqhom strahet id-decizjoni tat-tkeccija mill-impieg. Ma jirrizultax lill-Qorti li kien hemm xi talba biex jitressqu provi f’dawk il-proceduri, u ghalhekk ma jistax jinghad li "*d-difiza tas-socjeta’ attrici thalliet barra mill-process tas-smigh*" kif issottomettiet is-socjeta’ attrici.

“Ikkonsidrat li minn ezami tad-decizjonijiet tat-Tribunal, jirrizulta car li dan wasal ghad-decizjoni tieghu abbazi tas-sentenzi citati mill-intimata dwar it-tifsira ta’ probation order ai fini ta’ htija, u ma ghamel ebda riferenza jew konsiderazzjoni ghad-dispozizzjoni tal-artikolu 12(3)(g)

---

nomine vs Victor Fiorentino” (P.A. (GCD) – 26 ta’ Novembru 2002); “Cyberton Limited vs Joseph Felice” (P.A. (NC) l-1 ta’ April 2003); “S M Cables Limited vs Carmelo Monaco” (P.A. (JRM) 14 ta’ Frar 2002); ‘Power Projects Limited vs Stephen Agius et” (P.A. (PS) – 16 ta’ Gunju 2003) fost ohrajn.

[9] Fol. 8 tal-atti processwali tal-Kaz Industrijali.
[10] Fol. 2 tal-atti processwali tal-Kaz Industrijali.
[11] "Joseph Cutajar v Anthony Farrugia et " - dec mill-Prim'Awla per l-On.Imh. Fortunato Mizzi fil-24 ta' Ottubru 1974 a fol 12 u "Il-Pulizija v Joseph Borg et." a fol. 60 .

tal-Kap 152 kif ukoll tat-interpretazzjoni restrittiva ghall-Ftehim Kollettiv vigenti.

"Izda hawn il-Qorti tinnota li filwaqt li l-MIA taghmel riferenza ghall-Ftehim Kollettiv, kemm fl-Istqarrija tal-Kaz taghha kif ukoll fic-citazzjoni odjerna, dan il-ftehim jew almenu estratt minnu li juri d-dispozizzjoni rilevanti, ma giex esebit f'ebda procedura. Madanakollu jidher li gie accettat bhala fatt indiskuss mit-Tribunal meta tat l-interpetazzjoni restrittiva ghall-kelma "*htija*" fl-artikolu 12 tal-Kap.152.

"Hu pacifiku li din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal, u, kif inghad fil-kawza fl-ismijiet "Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim'Ministru vs Joseph Rizzo" (P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2000).[12] Ukoll kif gie dikjarat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet "Dr. Anthony P. Farrugia vs Kummissjoni Elettorali et." "*Illum hu car li l-Qorti (Civili) tistà tissindika l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li l-principji tal-gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord...*"

"Ikkonsidrat li t-Tribunal, fiz-zewg decizjonijiet ma ghamlet ebda accenn ghall-provvediment tal-artikolu 12(3)(g) li kien il-qofol tad-decizjoni u tas-sottomissjonijiet tas-socjetà attrici u lanqas tat xi raguni ghaliex injorat din id-dispozizzjoni. Dan is-sub-artikolu jghid hekk:

"Id-*dispozizzjonijiet hawn fuq imsemmija* (u allura anke dik id-dispozizzjoni li fuqha strahet l-intimata) ma jolqtux-

> "(h) *il-jedd ta' kull parti interessata biex tipproduci meta jixraq f'xi proceduri kriminali jew ċivili, provi li turi illi persuna liberata għal kollox jew ...li dwarha ikun gie maghmul ordni ta' probation, li tkun parti ghal dawn il-proċeduri ....... tkun ġiet dikjarata ħatja ta' reat, kemm il-darba din il-prova tkun meqjusa mill-Qorti bhala rilevanti*."

"Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fiz-zewg decizjonijiet huma enkapsulati fis-segwenti konsiderazzjoni espressa fil-*lodo* finali:[13] "*It-Tribunal ra illi l-appellanti digà giet sentenzjata mill-Qorti b'probation, b'liema imsemmija probation mhix hatja ta' xi haga maghmula jew kellha x'taqsam max-xoghol tal-Airport jew xi parti ohra konnessa max-xoghol taghha, izda ghal kollox f'area barra mill-post tal-impieg*."

"Kif jghid l-awtur HWR Wade, fil-ktieb tieghu Administrative Law, "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. ....he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*."

[12] Ara wkoll "Debono v Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku" PA GCD - 12 ta' April 1999
[13] A fol. 85 tal-process tat-Tribunal.

> "Illi f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-"legal standard of reasonableness" mehtieg biex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur "*Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness*" Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax "*within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*."
>
> "Illi fil-fehma tal-Qorti l-konsiderazzjoni li r-reat in kwistjoni ma kellux x'jaqsam mal-impieg tal-intimata mal-MIA hija konsiderazzjoni rrilevanti *ai fini* tad-decizjoni tal-kaz quddiem it-Tribunal. Tenut kont is-sikurezza strettissima rikjesta f'ajruporti kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali huwa ragjonevoli li l-fatt tas-serq, ammess, kellu jinghata rilevanza ewlenija mit-Tribunal fil-konsiderazzjoni ta' merterja ta' tkeccija ngusta, u mhux it-tifsira tal-kelma "*htija*".
>
> "Fil-kaz in ezami, l-intimata ammettiet ghall-akkuza ta' serq aggravat b'armi tan-nar u ta' sekwestru ta' persuni, *oltre* ghall-diversi akkuzi ohra.[14] Dawn ma kienux akkuzi kontravenzjonali, imma akkuzi serjissimi li jxejnu l-fiducja fl-integrità u non-vjolenza tal-persuna akkuzata. Iktar u iktar meta fl-impieg taghha, l-intimata kienet tahdem f'ajruport fejn is-sikurezza, kemm tal-passiggieri, kif ukoll tal-proprjeta' taghhom, hija essenzjali u ragjonevolment tkisser kull rabta fiducjarja bejn principal u l-impjegat tieghu.
>
> "*Inoltre* l-Qorti tqies li t-Tribunal agixxa bi ksur tal-Ligi meta kkonsidrat *sic et simpliciter* li probation mhix ekwivalenti ghall-htija, minghajr ma kkunsidrat l-applikabbilta' tal-eccezzjoni dettata mill-artikolu 12(3)(g) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta bhala dispozizzjoni li ghandha daqstant il-forza ta' Ligi.
>
> "Dan wassal sabiex it-Tribunal ma jiehux in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-intimata ghar-reati ai fini tad-decizjonijiet taghha u tal-applikazzjoni tal-Ftehim Kollettiv li ghandu l-forza ta' Ligi bejn il-partijiet. B'rizultat ta' dan il-Qorti tqis li d-decizjonijiet mertu ta' din il-kawza huma anomali u llegali."

Rat ir-rikors tal-appell intavolat minn Deborah Bonello, minn hawn 'il quddiem imsejha l-konvenuta appellanti, li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet minnha moghtija u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

[14] Sentenza a fol.60 et.seq.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà appellata Malta International Airport p.l.c., li permezz taghha ssottomettiet li s-sentenza li nghatat mill-ewwel Qorti hija korretta u timmerita li tigi kkonfermata fis-shih, f'dan l-istadju tal-appell, u li l-aggravji tal-appellanta jigu michuda.

Rat li l-appell gie trattat mid-difensuri tal-partijiet, waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2017, u li l-kawza giet ghalhekk differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, is-socjetà attrici appellata talbet li jsir stharrig gudizzjarju ta' zewg decizjonijiet, moghtija mit-Tribunal Industrijali, fl-1 ta' Dicembru, 2003 (Decizjoni Numru 1453) u fit-12 ta' Jannar, 2004 (Decizjoni Numru 1468) bejn l-istess kontendenti fil-kawza, fl-ismijiet inversi. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabet favur is-socjetà attrici appellata in kwantu rriteniet l-imsemmija decizjonijiet bhala *ultra vires* u ghaldaqstant invalidi u bla effett.

Il-konvenuta appellanti hassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Ottubru, 2013, principalment a bazi ta' hames aggravvji, senjatament:

(1) *Actore non probante reus absolvitur;*

(2) Id-Decizjoni hija neboluza dwar l-Artikolu 469 A tal-Kap. 12;

(3) Zball li kellu effett fuq is-sentenza fil-kuntest ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjonijet tat-Tribunal Industrijali; u

(4) Zbalji Legali tal-ewwel Qorti dwar x'ligijiet applika t-Tribunal;

(5) Sindakar jew Appell?

Huwa ritenut opportun li l-ewwel jigi trattat dan l-ahhar aggravju, li ftit jew wisq jissemma taht l-aggravji l-ohra. L-imsemmi aggravju jitratta l-ilment li l-ewwel Qorti kkostitwiet ruhha bhala Qorti tal-Appell minflok Qorti ta' Revizjoni u ghalhekk is-sentenza ghandha tigi revokata. Il-konvenuta appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti dahlet fl-ezami dwar il-gustifikazzjoni tat-tkeccija meta semmiet il-kwistjoni ta' sigurtà u ghalhekk it-Tribunal ma kienx gustifikat fid-decizjoni tieghu u mar *ultra vires.* Tishaq li kienet l-ewwel Qorti li marret *ultra vires* meta ssostitwiet il-kriterji taghha ghal dawk tat-Tribunal f'materja fejn kellu diskrezzjoni assoluta.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li fil-fehma ta' din il-Qorti, il-proceduri in ezami jikkonsistu fi stharrig gudizzjarju tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux appell minnhom. Tabilhaqq fiz-zmien li gie deciz il-kaz, id-decizjonijiet tat-Tribunal kienu inappellabbli skont l-Att dwar ir-Relazzjonijjiet Industrijali (Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta). Mhux

kontestat lanqas li t-Tribunal Industrijali kien l-organu kompetenti sabiex jistharreg l-ilment ta' Deborah Bonello dwar it-tkeccija ritenuta ingusta u dan skont il-ligi vigenti fiz-zmien in kwistjoni (Artikolu 28 tal-Kap. 266 kien jistabilixxi li, it-Tribunal kellu gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi ilmenti dwar tkeccija ingusta).

Kif, però, gustament rilevat mill-ewwel Qorti, huwa ritenut daqstant pacifiku skont il-gurisprudenza nostrana li l-Qrati ordinarji ghandhom is-setgha li jistharrgu decizjonijiet moghtija minn tribunali jew organi ohra kwazi gudizzjarji, kull fejn kien hemm allegat li gew imwarrba l-principji ta' gustizzja naturali jew fejn jinghad li hemm enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi. Dan minkejja kull provvediment legali li jipprova jxekkel is-setghat tal-qrati ordinarji li jistharrgu tali allegazzjonijiet. Hekk per ezempju l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **SM Cables Ltd v. Carmelo Monaco** rriteniet illi:

> "*il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgiba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament (Ara, per ezempju, App. Civ. 13.6.1995 fil-kawza fl-ismijiet Salvino Borg D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et). Dan jinghad ghaliex, fi stat ta' dritt, hadd mhu mehlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skont il-ligi, huma l-Qrati li ghandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu r-rimedju, jekk ikun il-kaz (Ara P.A. GCD 20.3.2000 fil-kawza fl-ismijiet Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino);*
>
> "*Illi, minbarra kwestjonijiet li jmissu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mharsin bil-Kostituzzjoni (Ara PA JF 26.5.1987 fil-kawza fl-ismijiet Montalto vs Clews et (Kollez. Vol: LXXI.iii.688), il-gurisdizzjoni li l-Qrati ghandhom hija limitata ghas-setgha li*

> *jissindakaw il-hidma u l-ghamil tat-Tribunal Industrijali (a) biex jizguraw li dan ma jkunx mar lil hinn mis-setghat moghtijin lilu bil-ligi li bis-sahha taghha gie mwaqqaf u li tahtha jinsab regolat (jigifieri, l-Att XXX tal-1976); (b) biex jaraw li, tkun xi tkun il-procedura li jkun segwa, jkun hares li jsir haqq skont il-meriti sostantivi tal-kaz migjub quddiemu u dan b'harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali; u (c) biex jaraw li s-sentenza jew id-decizjoni li jkun ta ma tkun bl-ebda mod kontra xi ligi miktuba jew kontra xi att li jkollu s-sahha ta' ligi dwar kundizzjonijiet maghrufa tal-impieg (Ara App. 13.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet Michael Mallia noe vs Carmel Debono et u l-ghadd ta' sentenzi u awtoritajiet hemm imsemmija)*".

Huwa ritenut minnu l-kumment tal-konvenuta appellanti fis-sens li mhux xoghol il-Qorti li qeghda twettaq l-istharrig gudizzjarju li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal Industrijali, peress li l-istharrig ghandu jkun limitat ghall-ezami tal-proceduri quddiem it-Tribunal, sabiex jigi stabbilit jekk it-Tribunal mexiex mal-poteri vestiti fih mil-ligi, skont il-principji ta' gustizzja naturali. Izda donnu li l-konvenuta appellanti skartat id-dover tal-ewwel Qorti li tistharreg ukoll li d-decizjoni li tkun inghatat ma tkun bl-ebda mod kontra xi ligi miktuba jew kontra xi att li jkollu s-sahha ta' ligi dwar kundizzjonijiet maghrufa tal-impjieg.

Meta din il-Qorti tezamina l-ezercizzju mwettaq mill-ewwel Qorti, issib li gew mistharrga l-ilmenti attrici sabiex tara jekk kienx il-kaz li tigi mhassra d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, peress li meta t-Tribunal iddecieda l-kaz fis-sens li *probation* mhux ekwivalenti ghal htija, dan sar minghajr ebda accenn ghall-Artikolu 12(3)(h) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, (L-Att Dwar il-*Probation* tal-Hatjin li gie sostitwit bil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta), kif citat mil-ewwel Qorti. Kien f'dan il-kuntest li dik il-

Qorti dahlet fil-kwistjoni ta' ragonevolezza tal-istess decizjoni fil-kuntest tax-xoghol tal-konvenuta appellanti li kien dak ta' *hostess* b'*security pass* b'doveri kemm *landside* kif ukoll *airside* fl-ajruport, fejn irriteniet li meta t-Tribunal qies li r-reat li bih kienet mixlija l-konvenuta appellanti ma kellu x'jaqsam xejn mal-impjieg taghha mas-socjetà appellata, dan huwa totalment barra minn loku, konsidrat is-sigurtà strettissima mehtiega f'ajruport. Tabilhaqq wiehed ghandu jqis li l-akkuzi li l-konvenuta appellanti kienet ammettiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienu tali li jxejjnu r-rabta fiducjarja bejn principal u l-impjegata tieghu f'ambjent fejn is-sigurtà hija wahda essenzjali. Kwindi meta t-Tribunal ma hax kont ta' dan kollu ghall-finijiet tad-decizjonijiet u tal-applikazzjoni tal-Ftehim Kollettiv li ghandu l-forza ta' ligi bejn il-partijiet, dan wassal ghal decizjonijiet *ultra vires*.

Din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas fl-ezercizzju mwettaq mill-ewwel Qorti, in kwantu kien limitat ghal ezercizzju ta' stharrig gudizzjarju fil-parametri esposti qabel. L-ewwel Qorti rriteniet li meta t-Tribunal naqas li jikkonsidra l-applikabbilità tal-eccezzjoni dettata mill-Artikolu 12(3)(g) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, dispozizzjoni li ghandha daqstant il-forza ta' Ligi, dan wassal sabiex it-Tribunal ma jiehux in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-intimata ghar-reati ai fini tad-decizjonijiet li nghataw u tal-applikazzjoni tal-Ftehim Kollettiv li ghandu l-forza ta' Ligi bejn il-

partijiet. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti rriteniet li d-decizjonijiet mertu ta' din il-kawza huma anomali u illegali u jaqghu fil-parametri tal-*ultra vires*.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni 'l ghala ghandha tilqa' dan l-aggravju.

Taht l-ewwel aggravju, filwaqt li l-konvenuta appellanti telenka l-kawzali li fuqhom hija msejsa l-azzjoni attrici, kif ukoll l-eccezzjonijiet li jsawru d-difiza taghha, tishaq li l-operat tat-Tribunal Industrijali, specjalment kif kien dak iz-zmien li ttiehdu d-decizjonijiet in kontestazzjoni, kien proprju li jaghmel stharrig, sabiex jiddetermina jekk it-terminazzjoni mehuda minn min ihaddem kienitx gusta, tenut kont gewx osservati verament il-patti kuntrattwali li jkunu inkorporati fil-ftehim tal-impjieg. Fejn ikun hemm kuntratt bil-miktub japplika l-istess kuntratt, u fin-nuqqas, japplikaw ir-regoli previsti mil-ligi bhala applikabbli ghal tali kuntratt li ma jsirx bil-miktub. Fil-fehma taghha, permezz tal-kawzali fic-citazzjoni attrici, kien qieghed jigi attakat il-mertu u ghalhekk kien qieghed isir appell indirett fuq il-mertu, li dak iz-zmien ma kienx permess mil-ligi. Tqis li ebda wahda mill-kawzali ma giet ipprovata, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex toqghod sempliciment fuq it-talbiet attrici u tinsa l-kawzali. In-ness bejn il-kawzali u t-talbiet attrici, huwa parti essenzjali mill-procedura, peress li t-talbiet huma kondizzjonati mill-premessi. Jekk ma gewx ipprovati l-premessi, l-ewwel Qorti ma setghet qatt

tezamina oltrè dak li kien premess. Tghid li t-talbiet attrici kienu fis-sens li s-sentenzi kellhom jigu dikjarati invalidi u bla effett, in kwantu saru *ultra vires.* Ghalhekk tishaq li t-talba attrici kienet marbuta mal-kuncett ta' *ultra vires* u xejn aktar. Fil-fehma tal-konvenuta appellanti, jekk wiehed jezamina l-kawzali u t-talbiet attrici u dak li hemm fil-process, ma jistax jinghad li s-socjetà attrici pprovat il-kaz taghha. Dan in konsonanza mal-principju fundamentali li *actore non probante, reus absolvitur.*

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, ghandu jinghad li, kif kellha okkazjoni tistqarr din il-Qorti, f'Sede Inferjuri, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Cassar v. Victor Zammit,** tirribadixxi li:

> "*Hu maghruf, u anke accetat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollez. Vol XLII pI p86). Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV pI p85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni". (Kollez. Vol. XLVIII pII p777).*
>
> "*Huwa veru li biex tigi evitata n-nullità tac-citazzjoni l-Qrati rrikorrew ghall-kriterju tal-ekwipollenza (Kollez. Vol. VIII pag 816; Vol XXIX pII p698)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz prezenti, il-kawzali huma cari bizzejjed mill-premessi dedotti fic-citazzjoni u jorbtu sewwa sew mat-

talbiet attrici, in kwantu l-ilment principali jibqa' dak li d-decizjonijiet huma *ultra vires,* element komuni kemm ghall-premessi, kif ukoll it-talbiet attrici, kwindi jirrizulta sew in-ness bejn l-istess premessi u t-talbiet attrici. Lanqas ma jirrizulta li l-ewwel Qorti nsiet il-kawzali attrici, kif sostnut mill-konvenuta appellanti, in kwantu minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li fejn kien opportun, hija rriteniet li l-ilment attrici ma jissussistix. Hekk per ezempju fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ilment attrici dwar in-nuqqas li jigu osservati l-principji tal-gustizzja naturali, l-ewwel Qorti rriteniet li dan in-nuqqas ma jirrizultax u konsegwentement gie skartat.

In kwantu taht l-istess aggravju jinghad li s-socjetà attrici naqset milli tipprova l-kaz taghha, u dan skont il-principju *actore non probante, reus absolvitur*, ghandu jinghad li lanqas taht dan l-aspett, l-aggravju tal-konvenuta appellanti ma jirnexxi. L-azzjoni in kwistjoni titratta stharrig dwar decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u l-atti tal-istess proceduri jinsabu esebiti fl-atti ta' din il-kawza. Ladarba huma l-istess decizjonijiet li qeghdin jigu attakkati, mhux mifhum liema provi ohra l-konvenuta appellanti qeghda tikkontendi li kellhom isiru.

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju dak fejn jinghad li s-sentenza appellata hija neboluza dwar l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili). Il-konvenuta appellanti tilmenta li filwaqt li l-ewwel Qorti rriproduciet parti kbira mill-Artikolu 469A, b'enfasi partikolari fuq x'inhuwa *ultra vires* skont l-istess artikolu, mhux daqstant car jekk kienitx qeghda tghid li l-Artikolu 469A hux applikabbli ghall-kaz in ezami, specjalment meta cahdet l-eccezzjoni taghha fir-rigward. Tinsisti li dan l-artikolu m'huwiex applikabbli ghad-decizjonijiet tat-Tribunal Indistrijali, peress li decizjoni tat-Tribunal ma taqax fid-definizzjoni ta' att amministrattiv kif mahsub fil-ligi, li tapplika ghall-ezekuttiv u mhux ghall-qasam gudizzjarju. Kwindi fil-fehma tal-konvenuta appellanti, l-eccezzjoni taghha kellha tigi akkolta.

M'hemmx dubju li t-Tribunal Industrijali skont l-Artikolu 28 tal-Kap. 266, kellu funzjoni kwazi gudizzjarja, in kwantu kellu gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha dwar allegazzjonijiet ta' tkeccija ingusta. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-funzjoni tat-Tribunal Industrijali m'huwiex li jwettaq ghemil amministrattiv. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq**:

> "L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili, ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skont is-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu, il- frazi "'eghmil amministrattiv' tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba

ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika ...". L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frazi "'awtorità pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi".

"Huwa car li filwaqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ghall-fini ta' din id-dispozizzjoni, tali dispozizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta' din il-Qorti (diversament komposta fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et** deciza fit-18 ta' Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:

"L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skont il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorità gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l-gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalità. "Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi avdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (**Joseph Farruga v. Emanuel Cilia Debono** – 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll **Montalto v. Chircop** – PA 18 ta' April 1987; **Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe** – PA 19 ta' April 1990; **Anthony Borg Cardona v. Joseph Busuttil et noe** – 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn".

Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn l-insenjamenti, meta tapplikahom ghall-kaz in ezami tghid li d-decizjonijet tat-Tribunal Industrijali suggett ta' din l-azzjoni m'humiex sindakabbli taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda kif inghad qabel, il-Qorti tibqa' vestita bl-awtorità tistharreg jekk it-Tribunal ikunx mar *ultra vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew li s-sentenza tkun kontra l-ligi miktuba, kif inghad qabel. Ghalkemm l-ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 469A, hija ccitat ukoll estensivament mill-gurisprudenza sabiex issostni s-setgha moghtija lill-qrati ordinarji li jwettqu stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet tat-Tribunal

Industrijali. Fil-fatt, fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti indirizzat din il-kwistjoni wkoll meta qalet:

> "*Fin-nota taghha, l-intimata spjegat li l-eccezzjoni taghha hija fis-sens li l-Artikolu 469A mhuwiex applikabbli. Izda mill-premessi tac-citazzjoni, jidher li s-socjetà attrici mhix qed tistrieh semplicement fuq dan l-artikolu imma tghid li d-decizjoni tat-Tribunal tmur kontra l-Ligi* "u" *dak li hu kontemplat fl-artikolu 469A(b) tal-Kap.12. Difatti dan l-Artikolu ma jsemmix fit-talba. Skont dak gja premess, il-Qorti ghandha tqis li t-Tribunal Industrijali hu soggett ghall-istharrig gudizzjarju.*
>
> "*Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzjoni illi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni biex tistharreg gudizzjarjament il-lodo tat-Tribunal Industrijali skont principji generali ta' dritt*".

Minn din is-silta appena citata, jirrizulta car li l-ewwel Qorti wara li kkonsidrat il-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, gustament irriteniet li hija kellha tinvesti l-ilment imressaq permezz ta' din il-kawza, taht il-principji generali ta' stharrig gudizzjarju u mhux taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk lanqas dan l-aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Fit-tielet aggravju taghha, il-konvenuta appellanti tikkontendi li konsegwenza ta' zball tal-ewwel Qorti, li kellu effett fuq is-sentenza, il-kuncett ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali gie trattat hazin. Tishaq li l-izball tal-ewwel Qorti huwa manifest meta qalet li l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati kienet illi tribunali amministrattivi jaqghu taht il-gurisdizzjoni limitata tal-Qrati li jissindikaw id-decizjonijiet

tat-tribunali amminstrattivi, peress li t-Tribunal Industrijali mhux wiehed amministrattiv. Hekk ukoll tesponi li l-ewwel Qorti zbaljat meta ghamlet referenza ghall-Artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni, in kwantu jitratta stharrig gudizzjarju ta' persuna jew awtorità li ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità ohra fl-ezercizzju ta' xi funzjonijiet skont il-Kostituzzjoni, li, skont hi, ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni, jekk dik il-persuna jew awtorità tkun qdiet il-funzjonijiet skont il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra. Il-konvenuta appellanti tikkoncedi li l-Prim'Awla hija vestita bis-setgha li tistharreg decizjoni tat-Tribunal Industrijali, limitatament fejn ma gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali, jew fejn id-decizjoni kienet wahda *ultra vires,* jew meta jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi u taghmel referenza ghal xi gurisprudenza fir-rigward. Madankollu tishaq li l-ewwel Qorti kkostitwiet ruhha bhala Qorti tal-Appell u ghalhekk hija stess agixxiet *ultra vires* tad-divjet skont il-ligi ta' dak iz-zmien li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija inappellabbli.

Din il-Qorti tara li ghandha taghmel rassenja fil-qosor tal-gurisprudenza in materja qabel ma titratta dan l-aggravju. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet **Reno Alamango v. Mary Rose Ciantar**, kien ribadit illi:

> "*Dik il-gurisdizzjoni però hija limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur ultra vires lilu moghtija u/jew ghal meta ma jkunx assigura li l-gustizzja ssir skont ilmenti tas-sustanza tal-kaz u li din tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi*

> *sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u l-pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' impieg;*
>
> "*It-Tribunal Industrijali ghandu skont il-Kap. 266 gurisdizzjoni esklussiva f'kazijiet ta' allegazzjoni ta' tkeccija ingusta fit-termini tal-artikolu 28 (1) u l-kaz prezenti huwa wiehed minn dawn u biex dik il-gurisdizzjoni esklussiva tigi disturbata jridu jikkonkorru xi wiehed mill-elementi gravi msemmija digà*".

Fis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu, 1991, fil-kawza fl-ismijiet **Anglu Fenech et noe v. Albert Mizzi et noe**, din il-Qorti ziedet tghid, dejjem fl-istess kuntest illi:

> "*Jidher li qatt ma huwa bizzejjed li jigi ripetut li fis-sistema ntrodotta bl-Att XXX tal-1976 – illum il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet – mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'hemmx appell – u l-Qrati ghandhom funzjoni ta' kassazzjoni fl-ewwel grad u appell mill-gudizzju ta' kassazzjoni fit-tieni grad*".

Hekk ukoll fis-sentenza taghha tas-17 ta' Mejju, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Vincent Falzon noe v. Isabelle Grima**, din il-Qorti rribadiet illi:

> "*Ghandha tenfasizza illi l-ligi ma kkoncedietx id-dritt ta' appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk dawn il-Qrati Superjuri ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal Industrijali*".

Meta din il-Qorti tapplika dawn il-principji appena esposti ghall-kaz in ezami, tqis li l-ewwel Qorti filwaqt li stabbiliet il-parametri li fihom kellha twettaq l-istharrig, proprju skont il-principji hawn qabel citati, iddikjarat li hija ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal u fl-ebda mument ma dahlet fil-mertu ta' jekk it-tkeccija kienitx wahda ingusta jew le. Fil-fatt fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ddikjarat li d-

decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali kienu *ultra vires* u konsegwentement invalidi u bla effett. Dan ifisser li tabilhaqq l-ewwel Qorti qdiet il-funzjoni taghha ta' Kassazzjoni u kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenuta appellanti, ma agixxietx *ultra vires.*

Isegwi li dan l-aggravju wkoll ser jigi michud in kwantu ma jirrizultax bhala misthoqq.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn jinghad mill-konvenuta appellanti li l-ewwel Qorti inkorriet fi zball legali dwar x'ligijiet applika t-Tribunal Industrijali. Hija ssostni li meta l-ewwel Qorti qalet li t-Tribunal ma kkonsidrax l-Artikolu 12(3)(h), li kien il-qofol tad-decizjoni u tas-sottomissjoni tas-socjetà attrici, u ppretendiet li kellu jkun hemm raguni l-ghala giet injorata tali dispozizzjoni, hija kienet zbaljat. Dana peress li filwaqt li l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 152 kien wiehed sostantiv, is-sub-Artikolu 12(3)(h) kien wiehed procedurali, li kien imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tqisux rilevanti jew le. Tant li mill-kliem tal-istess sub-artikolu jinghad li dik il-prova ta' rejita tista' tkun ammissibbli **"kemm-il darba din il-prova tkun meqjusa mill-Qorti bhala rilevanti**". Din id-diskrezzjoni moghtija dwar l-ammissibilità ta' prova hija fuq il-bazi ta' rilevanza u bl-ebda mod ma hija tassattiva. Certament lanqas ma jissostitwixxi l-Artikolu sostantiv bhal ma huwa l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 152, li huwa tassattiv. Il-konvenuta appellanti tqis stramb li l-ewwel

Qorti ccitat l-Artikoli 469A tal-Kap. 12 u l-Artikolu 12(3)(h) tal-Kap. 152, izda ma rriproducietx l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 152, u lanqas ma tat spjegazzjoni ghala t-Tribunal applika hazin dik il-ligi, izda qalet biss li nghatat interpretazzjoni restrittiva.

Il-konvenuta appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni popolari tal-kelma "htija" u mhux kif definita mil-ligi f'dawk ic-cirkostanzi li tinghata *probation*. Tishaq li l-ligi hija cara in kwantu tkeccija ta' impjegat li jkun inghata probation tista' ssir biss meta l-impjegat ikun ufficjal pubbliku. Tqajjem ukoll il-kwezit jekk it-Tribunal Industrijali jikkostitwix Qorti, peress illi ghalkemm it-Tribunal ghandu funzjoni gudizzjarja, hija ssostni li m'huwiex Qorti u ghalhekk issostni li l-Artikolu 12(3)(h), lanqas kien applikabbli ghat-Tribunal Industrijali, dan sabiex tkompli ssahhah il-fehma taghha li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta stharrget l-operat tat-Tribunal Industrijali.

Jibda billi jigi nnotat li ghalkemm fis-sentenza appellata hemm referenza kemm ghall-Artikolu 12(3)(g) u 12(3)(h), huwa car li dan sar bi svista, in kwantu r-referenza kellha tkun konsistentement ghall-Artikolu 12(3)(h) ta' dak li qabel kien il-Kap. 152.

Mill-atti jirrizulta li permezz ta' sentenza tal-24 ta' April, 2002, tal-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-konvenuta

appellanti, kienet misjuba hatja ta' diversi reati, izda ma kkundannathiex ghal piena karcerarja u minflok illiberatha taht il-provediment ta' dak li qabel kien l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza. Ghalkemm din il-Qorti tista' taqbel mal-konvenuta appellanti, sa fejn jinghad minnha li s-sejbien ta' htija fi proceduri kriminali, fejn il-hati jkun gie illiberat ghal kollox, jew kondizzjonalment, ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini (hlief f'kaz li l-hati jkun ufficjal pubbliku li mhux il-kaz in ezami) kif kien jipprovdi l-Artikolu 12(1) tal-Kap.152, u ghalhekk il-htija mhix ritenuta rilevanti ghall-finijiet ta' ligijiet ohra, dan ma jfissirx illi b'daqshekk wiehed jista' jiskarta kompletament dak li kien jipprovdi l-Artikolu 12(3)(h) tal-Kap. 152. Tant hu hekk li qabel dan is-sub-artikolu gie premess: "Id-dispozizzjonijiet hawn fuq imsemmija ma jolqtux dawk il-provvedimenti hemm elenkati". Tabilhaqq l-Artikolu 12(3)(h) kien ta' natura diskrezzjonali fis-sens li l-jedd ta' kull parti interessata biex tipproduci meta ritenut xieraq f'xi proceduri kriminali jew civili, provi li turi illi persuna liberata ghal kollox, li dwarha ikun gie maghmul ordni ta' *probation*, li tkun parti ghal dawn il-proceduri u tkun giet dikjarata hatja ta' reat, hija kwalifikata fis-sens li "kemm il-darba din il-prova tkun meqjusa mill-Qorti bhala rilevanti".

Madankollu dan hu n-nuqqas riskontrat mill-ewwel Qorti, li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu lanqas biss ghamel accenn ghal dan l-artikolu,

sabiex ikun jista' jqis r-rilevanza ta' din il-prova. Kwindi l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjoni opportuna meta rrilevat li t-Tribunal, fiz-zewg decizjonijiet, ma ghamel ebda accenn ghall-provvediment tal-Artikolu 12(3)(h) u lanqas ta xi raguni ghaliex injora din id-dispozizzjoni tal-ligi. Il-fatti li wasslu ghall-hrug tal-*Probation Order* kellhom jitqiesu fil-kuntest ta' dan l-artikolu sabiex it-Tribunal seta' jasal ghal decizjoni ragonevoli jekk dawn kellhomx impatt jew le fuq ix-xoghol tal-konvenuta appellanti u li wasslu ghad-decizjoni ta' tkeccija da parti tas-socjetà appellata. Konsegwentement dan in-nuqqas tat-Tribunal Industrijali wassal ghal enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u dan wassal sabiex id-decizjoni tieghu tkun wahda *ultra vires.* Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ddikjarat id-decizjonijiet tat-Tribunal bhala invalidi u bla effett. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx ma' dan l-aggravju tal-konvenuta appellanti, kif lanqas ma ssib rilevanti l-osservazzjoni taghha li t-Tribunal m'huwiex Qorti, meta mhux kontestat li t-Tribunal huwa vestit b'poteri kwazi-gudizzjarji.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta appellanti, billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-istess konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb